# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 216/2012/1 AL**

**Fidele sive Delio Carabott f'ismu proprju kif ukoll bħala kuratur *ad litem* ta' wliedu Bronwyn Alexia u Wyatt Brady**

**v.**

**Erika Carabott**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tal-attur (appellant) u appell inċidentali tal-konvenuta (appellata) minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-23 ta' Ġunju 2020 dwar il-firda personali bejn il-partijiet u l-kura, kustodja u manteniment ta' wliedhom. L-appell tal-appellant huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza dwar il-qsim tal-

komunjoni tal-akkwisti filwaqt li l-appellata kkontestat il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ.

2. L-appellant ippreżenta l-kawża fl-24 ta' Settembru 2012, erbat ijiem wara li l-appellata ppreżentat il-kawża bin-numru 214/2012 fl-ismijiet *Erika Carabott pro et noe v. Fidele sive Dario Carabott* fejn talbet li: (i) tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet ħtija ta' żewġha; (ii) jiġi ordnat li l-kura u l-kustodja taż-żewġ ulied tal-partijiet tkun fdata f'idejha; (iii) jiġi fissat manteniment xieraq għat-tfal minuri; u (iv) tiġi tterminata, likwidata, maqsuma u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Il-kawżi nstemgħu flimkien u l-ewwel Qorti ordnat illi l-provi li nġabru jkunu jgħoddu għaż-żewġ kawżi.

3. Ir-rikors promutur f'din il-kawża jaqra hekk:

> *"Premess illi l-kontendenti kkuntrattaw iż-żwieġ bejniethom f'Malta fid-9 ta' Settembru, 2001 u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat Dok. A.*
>
> *Premess illi miż-żwieġ tagħhom il-kontendenti kellhom zewġt ulied u ċioe` wild wieħed Bronwyn Alexia u Wyatt Brady li twieldu rispettivament fit-28 ta' Lulju, 2002 u fid-9 ta' Jannar, 2008 u dan kif jidher miċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok. B u Dok. Ċ;*
>
> *Peress illi l-intimata mingħajr ebda raġuni valida telqet lir-rikorrenti, rrendiet ruħha ħatja lejn ir-rikorrenti ta' eċċessi, inġurji u adulterju u inoltre illum iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet ser jiġi imputabbli lill-intimata;*
>
> *U peress illi l-intimata mhiex qed tieħu hsieb lil ulied il-kontendenti waqt li dawn ikunu magħha;*

*U peress illi jkun fl-aħjar interess ta' ulied il-kontendenti illi l-kura u l-kustodja tagħha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti jew mod ieħor skont kif jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;*

*U peress illi kif jidher minn kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata Dok. D, dina l-Qorti b'digriet tal-1 ta' Awwissu, 2012 ddikjarat magħluqa l-medjazzjoni mibdija b'ittra numru 1386/11 u awtorizzat lill-kontendenti jipproċedu skont il-liġi, u għalhekk l-esponenti qed jistitwixxi din il-kawza;*

*U peress illi sa mill-2011 l-intimata bla ebda raġuni telqet mid-dar matrimonjali ossia 141, Carmela Flats, Appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk li tappartjeni eskluzivament lir-rikorrenti proprio;*

*Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett previa id-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimata għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata kif ukoll minħabba eċċessi, inġurji u adulterju da parti tal-intimata u inoltre minħabba li illum iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment għal raġunijiet serji imputabbli lill-intimata;*

*2. Tiddikjara li l-intimata taħti ghas-separazzjoni personali u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tistabilixxi d-data meta l-istess intimata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda.*

*3. Tafda f'idejn ir-rikorrenti l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri Bronwyn Alexia u Wyatt Brady u tistabilixxi l-ħinijiet ta' aċċess lill-kontendenti ghall-imsemmija ulied, u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fl-aħjar interess tal-istess ulied;*

*4. Ixxolji, jekk ikun il-kaz, il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*5. Tillikwida, jekk ikun il-kaz, l-istess komunjoni tal-akkwisti skont il-liġi u taqsamha f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-data tal-akkwisti tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bħala d-data meta l-istess intimata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda b'tali mod illi jekk ikun il-kaz l-intimata titlef kull jedd li għandha għal nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila tar-rikorrenti;*

*6. Tassenja dawn iż-żewġ porzjonijiet waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimata okkorrendo bin-nomina ta' perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' nutar biex*

*jippubblika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

*7. Tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tikkonsenja lir-rikorrenti l-oggetti kollha parafernali tar-rikorrenti u fin-nuqqas tigi kkundannata tħallas lir-rikorrenti l-valur taghhom kif jiġi likwidat okkorrendo minn perit nominandi;*

*9. Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili u tagħti lir-rikorrenti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

*10. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti għal uliedu minuri Bronwyn Alexia u Wyatt Brady dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti bil-modalita ta' ħin, lok u jum ta' ħlas li dina l-Qorti tistabilixxi;*

*11. Tordna illi r-rikorrenti ikollu d-dritt esklussiv illi jirrisjedi fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk li jappartjeni esklussivament lir-rikorrenti prorprio;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru 268/2011 u tal-mandat ta' inibizzjoni /11 kontra l-intimata illi hija nġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni."*

4. L-appellata, wieġbet:[1]

*"1. Illi l-esponenti taqbel li għandu jkun hemm is-separazzjoni bejn il-partijiet pero` t-tort huwa esklussivament ta' Fidele sive Delio Carabott.*

*2. Ukoll Il-ħtija tal-firda hija tar-rikorrenti u mhux tal-intimata.*

*3. Illi r-rikorrenti mhuwiex kapaċi jiehu ħsieb it-tfal u gja ġew stabbiliti l-aċċess;*

*4. Illi l-esponenti taqbel li għandu jiġi xjolt l-komunjoni tal-akkwisti;*

*5. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi maqsuma pero r-rikorrenti ghandu jitlef in-nofs minħabba li ż-żwieġ tfarrak tort tiegħu;*

*6. Illi l-esponenti taqbel ma din it-talba;*

*7. Illi l-esponenti ma għandha ebda oġġezzjoni li r-rikorrenti jieħu l-affarijiet tiegħu parafernali.*

---

[1] Fol. 29.

*8. Illi se mai d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati kontra r-rikorrenti.*

*9. Illi l-manteniment ġja huwa stabbilit temporanjament u għandu jkun stabbilit għal dejjem favur l-esponenti stante li hi għandha l-kura u l-kustodja effettiva tat-tfal minuri;*

*10. Illi l-esponenti kellha titlaq mill-fond matrimonjali minħabba swat da parti tar-rikorrenti u se mai hija l-esponenti li ghandha tirrisjedi esklussivament fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk."*

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi:

i. laqgħet l-ewwel talba attriċi għall-firda u ddikjarat is-separazzjoni ta' bejn il-partijiet bi ħtijiet ta' adulterju u nġurji gravi, imputabbli unikament lill-intimata;
ii. laqgħet it-tieni talba attriċi u stabbiliet id-data tal-31 ta' Ottubru 2011 bħala d-data meta Erica Carabott saret ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u l-firda bejn il-partijiet, u ċioe` d-data meta telqet mid-dar matrimonjali wara episodju partikolari bejn l-istess partijiet;
iii. ċaħdet it-tielet talba attriċi fir-rigward tal-kura u kustodja ta' Bronwyn Alexia u Wyatt Brady, aħwa Carabott u dan billi ħalliet l-istess f'idejn l-intimata, għalkemm deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri għandhom jiġu deċizi mill-partijiet b'mod konġunt. Ordnat

ukoll illi l-minuri għandu jkollhom aċċess għal missierhom u dan bil-mod stabbilit fis-sentenza;

iv. laqgħet ir-raba' talba attriċi u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

v. laqgħet il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi, u llikwidat, qasmet u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti tas-sentenza u ċioe` '*It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*', filwaqt li ordnat lill-intimata tagħti lura dak dovut lill-appellant fi żmien xahar mid-data li s-sentenza appellata tgħaddi in ġudikat;

vi. laqgħet id-disa' talba tal-attur u applikat fil-konfront tal-appellata l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

vii. fir-rigward tal-manteniment ordnat lill-appellant iħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew, fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

viii. laqgħet il-ħdax-il talba attriċi u ddikjarat li l-appellant għandu d-dritt esklussiv illi jgħix fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk, liema proprjeta` hi parafernali tal-appellant.

ix. Bl-ispejjeż a karigu tal-appellata.

6. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet ukoll il-kawża bin-numru 214/2012 fl-ismijiet _*Erika Carabott pro et noe v. Fidele sive Dario Carabott*_ bil-mod segwenti:

i. ċaħdet l-ewwel talba attriċi;

ii. laqgħet it-tieni talba attriċi u b'hekk fdatilha l-kura u kustodja ta' uliedhom, iżda deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri għandhom jiġu deċizi mill-partijiet b'mod konġunt; ordnat ukoll illi l-minuri għandu jkollhom aċċess versu l-konvenut illum appellant u kif dan għandu jseħħ;

iii. laqgħet it-tielet talba attriċi u ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew, fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

iv. laqgħet ir-raba’ talba attriċi u ddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, filwaqt li llikwidat, qasmet u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti lill-partijiet bil-mod spjegat f’dik il-parti tas-sentenza bit-titlu ‘*It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*’.

v. Bl-ispejjeż għall-attriċi.

7. L-appellant appella miż-żewġ sentenzi għal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti, m’huwiex inkluż dawk il-partijiet intitolati ‘*Allegat dejn dovut lil Erica Carabott’* u ‘*Allegat dejn dovut lil Raymond Pace.’*

8. Fiż-żewġ kawżi l-appellata wieġbet illi qablet mal-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar l-aspetti finanzjarji, iżda ‘*tikkontesta*’ ir-raġuni għat-tifrik taż-żwieġ u li hemm konflitt bejn iż-żewġ sentenzi billi ‘*l-ewwel Qorti kkonkludiet li hemm adulterju u fis-sentenza l-oħra kkonkludiet li hemm irrimedjabilità tal-ħajja miżżewġa.’* Tinsisti li l-ħajja matrimonjali spiċċat ħażin minħabba l-egoiżmu tal-appellant li għamlilha ħajjitha miżerja sabiex titlaq mid-dar matrimonjali u għal dan il-għan uża fil-konfront tagħha vjolenza u pressjoni morali tant li fl-aħħar iddejjqet u telqet. Fl-aħħar paragrafu tat-tweġiba tal-appell talbet illi:

> *“l-ewwel sentenza tal-Onorabbli Qorti għandha tiġi kkonfermata fuq l-aspetti finanzjarji wara li ġew imweżnin sew il-fatti u d-dokumenti, b’hekk jiċħad l-appell tal-appellant f’dan ir-rigward u tilqa’ l-fatt li ż-żwieġ tkisser għal raġunijiet imputabbli lir-raġel jew li ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment u l-ispejjeż tal-kawżi jinqasmu nofs bin-nofs.”*

9. Minkejja li l-appellata ma qalitx espressament illi qiegħda tipproponi appell inċidentali mis-sentenza tal-ewwel Qorti, m'hemmx dubju li qiegħda tikkontesta s-sentenza tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` għall-firda personali. Peress li l-ħtija tal-firda għandha konsegwenzi fuq il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti se tibda sabiex tikkunsidra l-ilment tal-appellata.

Konsiderazzjonijiet.

*L-Appell Inċidentali dwar il-Ħtija tal-Firda*

10. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva kif fl-appell l-ieħor 214/2012/1 li ser jiġi deċiż ukoll illum, l-appellata ma ressqet l-ebda aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar il-ħtija għall-firda. Anzi fit-tweġiba li ppreżentat f'dak l-appell, l-appellata qalet li *".... din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma dak li ġja ġie deċiż, tikkonferma li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment....".* Dan meta fil-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel talba tal-appellata li biha talbet dikjarazzjoni li l-appellant hu ħati tal-firda, minħabba inġurji, sevizzi u moħqrija.

11. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza fil-kawża Erika Carabott proprio et nomine v. Fidele sive Dario Carabott (214/2012) hi llum ġudikat, fis-sens li l-appellant ma kienx ħati għall-firda.

12. Madankollu għal kull buon fini l-Qorti xorta ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar il-ħtija għall-firda. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali tal-ewwel Qorti huma dawn:

> *"Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attur jikkontendi li illi z-zwieġ tiegħu falla b'mod partikolari minħabba l-adulterju da parti ta' martu. Dan jiġi ppruvat permezz ta' numru ta' messaġġi li ġew mibgħuta u riċevuti mill-konvenuta u persuna li miegħu kellha relazzjoni extra-maritali. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tisħaq illi z-zwieġ tkisser stante l-karattru diffiċli ta' zewġha, li ġie deskritt bħala aggressiv, arroganti, pussessiv u vjolenti. Hija ssostni li l-inċident tat-telefon ċellulari, fejn zewġha allegatament refa' jdejh fuqha, kienet ukoll raġuni oħra għaliex hija telqet mid-dar matrimonjali.*
>
> *Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-konvenuta kellha relazzjoni extra-maritali. Dan qiegħed jingħad għaliex il-Qorti ssib kredibbli u sodisfaċenti l-verzjoni tal-attur u l-provi mressqa minnu, ċjoe': (i) Il-messaġġi ezebiti mill-attur jagħtu x'tifhem li r-relazzjoni li kellha l-konvenuta ma hijiex waħda platonika, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li tnejn min-nies jistqarru imħabbithom lejn xulxin u jagħtu l-kelma li jibqgħu flimkien għal dejjem, (ii) id-dokument maħruġ minn Vodafone Malta Ltd li jistabbilixxi l-frekwenza tal-komunikazzjoni bejn il-konvenuta u l-maħbub, li kienet ta' kuljum, u (iii) id-dikjarazzjoni tal-attur li b'għajnjeh stess ra l-messaġġ "għada tiġix għax mhux ser inkun waħdi" meta huwa ħa t-telefon ċellulari minn għand il-konvenuta. Dawn il-provi ma jħallu l-ebda dubju li l-konvenuta kellha kunfidenzi zejda ma' persuna oħra li ma kienetx zewġha.*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti, huwa kemmxejn stramb illi l-konvenuta ma kkontestatx il-messaġġi ta' mħabba u wegħdiet fil-fazi tal-provi quddiem il-Perit Legali. Hija sempliċiment saħqet fl-affidavit tagħha illi "vera li kont bghatt xi messaġġi imma mhux ghal skopijiet li qed jghid Delio". Madanakollu, il-Qorti tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta tgħid illi hija qatt ma kkomettiet adulterju u tkompli billi tisħaq illi ma hemm l-ebda prova kontra tagħha li tistabbilixxi dan. Minkejja tali sottomissjoni, il-Qorti terġa' ittenni illi ssibha ferm diffiċli li temmen lill-konvenuta u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi: (i) ma pprovdiet l-ebda prova li tikkontradixxi l-provi mressqa mill-attur, (ii) tikkonferma li hija*

*riedet it-telefon ċellulari f'idejha għaliex "kont ghajjejt bl-attitudni tieghu u ridt nibda nghix hajti".*

*Illi mill-provi prodotti jidher ċar illi l-problema bejn il-partijiet hija dik ta' fedelta'. L-attur baqa' jipprova jsalva z-zwieġ tiegħu, filwaqt li l-konvenuta baqgħat għaddejja bl-adulterju minkejja li talbet lil zewġha sabiex jaħfrilha. L-attur iddikjara fin-nota ġuramentata tiegħu, illi din ma kienetx l-ewwel darba li kien qabad lil konvenuta f'tali għaġir, madanakollu huwa dejjem ħafrilha. L-istess ġara meta f'Awwissu 2011 huwa kien qabad lil konvenuta tibgħat u tirċievi messaġġi amoruzi, u wara li l-konvenuta kienet talbitu sabiex jaħfrilhom, huwa hekk għamel u kompla bil-ħajja tiegħu mizzewġa. Għalkemm l-attur qatt ma pprova l-allegazzjonijiet tiegħu ta' dawk l-episodji ta' adulterju passati li tagħhom huwa ħafer lill-konvenuta, għajr għal dak l-episodju ta' adulterju li seħħ f'Awwissu 2011 li ġie ppruvat minnu, il-konvenuta ma resqet l-ebda prova kredibbli li biha tikkontesta u/jew tikkontradixxi l-verzjoni tal-attur li tnissel fil-Qorti konvinċiment morali illi hija verament qatt ma wettqet adulterju.*

*L-episodju tat-telefon ċellulari kien wieħed kruċjali li kisser għal kollox ir-relazzjoni u z-zwieġ tal-partijiet, liema relazzjoni kienet għal zmien twil imxelfa. Dan bil-konsegwenza li fil-prezent ma tezistix xrara ta' tama jew possibilita' ta' rikonċiljazzjoni. Hawnhekk tispikka l-verzjoni kunfliġġenti tal-partijiet fir-rigward tal-allegata vjolenza fuq il-persuna tal-konvenuta. Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-attur, dik tal-konvenuta, flimkien maċ-ċertifkat maħruġ mid-Dipartiment tal-Kura Primarja u r-ritratti esebiti mill-konvenuta, tirrileva li ma hijiex moralment konvinta li l-attur huwa persuna vjolenti u aggressiv. Huwa minnu li l-konvenuta ssemmi diversi istanzi fejn tagħti x'tifhem illi l-appellant huwa hekk kif deskritt minnha, madanakollu tonqos sew milli tikkorrabora l-istess. Il-Qorti tinnota illi l-konvenuta serjament tonqos milli tipprova bi provi sodisfaċenti l-karattru vjolenti tal-attur u magħdud ma' dan hija tonqos ukoll li tesebixxi xi rapporti magħmula minnha mal-Pulizija tul iz-zmien li damet mizzewġa lil appellant, fejn b'mod inekwivoku tistabilixxi li hija verament kienet qiegħda tibza' għal ħajjitha u għal dik ta' uliedha. Naqset ukoll, u dan minkejja li kellha kull fakolta', li ttella' bħala xhud lil Ms Joyce Sciberras sabiex bħala psikoterapista titkellem dwar il-karattru tal-attur.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi l-episodju hawn fuq imsemmi kien wieħed ta' rabja u dispjaċir, iddominat minn elementi ta' persistenza da parti l-attur u rezistenza da parti l-konvenuta. Min-naħa waħda għandek lil appellant li sforz episodji passati ried li jara x'kienet qiegħda tagħmel martu bit-telefon ċellulari, filwaqt li min-naħa l-oħra għandek lil konvenuta li kienet konsapevoli li kienet qiegħda titradixxi lil zewġha u b'hekk ma riditx li huwa jiskopri mill-ġdid bir-relazzjoni extra-maritali tagħha. Għalkemm dan l-episodju partikolari jista' jiġi deskritt bħala wieħed mhux daqstant ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistgħax jiġi meqjus bħala episodju ta' theddid u vjolenza. Il-konvenuta tonqos milli tipprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-attur huwa verament u konistentament*

*raġel aggressiv, possessiv, arroganti u vjolenti. Il-Qorti pjenament taqbel mal-osservazzjoni tal-Perit Legali fejn tirrileva li ssibha ferm diffiċli li temmen lil Erica Carabott li ma qalet xejn lil Pulizija meta dawn marru fuq il-post sabiex jgħinuha tieħu lura fil-pussess tagħha t-telefon ċellulari. Il-Qorti tinnota li fl-affidavit tal-attur u tal-konvenuta ssir indikazzjoni ta' min kien il-Pulizija li attenda fuq il-post sabiex jassisti fl-għoti tat-telefon ċellulari, u ċjoe' PC 1278. B'hekk tali Pulizija seta' faċilment jittella' jixhed sabiex jikkonferma verzjoni jew oħra tal-partijiet. Madanakollu, fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, dan l-episodju in kwistjoni jista' biss jiġi kkunsidrat bħala att singolari u izolat.*

*Illi ma hemmx dubju f'għajnejn il-Qorti illi l-konvenuta hija ħatja ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili u huwa proprju minħabba tali adulterju li z-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli. Huwa għib għal-persuna mizzewġa li tkisser lil konjuġi tagħha mentalment billi tisħaqlu li trid il-liberta' sabiex tgħix kif jogħġob lilha, tirrezisti li turi t-telefon ċellulari tant li taħbih minnu u tibgħat messaġġi ta' mħabba lil terza persuna. Għaldaqstant ma hemmx dubju ukoll li l-konvenuta hija ħatja ta' inġurji gravi fil-konfront ta' zewġha ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex minkejja li l-attur ipprova jagħti ċans ieħor lil martu sabiex isalva z-zwieġ tagħhom, bil-moħbi tiegħu hija kompliet bil-ħajja adultera tagħha. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi rigward eċċessi fil-konfront tal-attur, dawn ma ġewx minimament ippruvati. Ma hemm l-ebda prova li turi li l-attur kien jinsab fil-periklu, liema perikolu ġie maħluq mill-konvenuta.*

*Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenuta, kif irrakkontat mill-attur u rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli. Jidher illi dakinhar tal-inċident tat-telefon ċellulari, il-konvenuta għazlet li ttemm ħesrem iz-zwieġ tagħha billi telqet mid-dar matrimonjali tant li qatt ma rritornat lura. Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija unika tal-konvenuta li rrendiet lilha nnifisha ħatja ta' adulterju u inġurji gravi fil-konfront tal-attur abbazi tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti hija tal-fehma li d-data demarkata bħala d-data minn mindu Erica Carabott ddekadiet u għandha tinzamm responsabbli għat-tifrik taz-zwieġ hija l-31 ta' Ottubru 2011 u ċjoe' d-data meta seħħ l-inċident tat-telefon ċellulari u hija telqet mid-dar matrimonjali għal dejjem."*

13. Il-Qorti rat li:

13.1. Fl-ewwel affidavit[2] l-appellata tgħid illi l-ħajja miżżewġa kienet oriġinarjament waħda tajba iżda maż-żmien l-appellant beda jkun arroganti, aggressiv u possessiv fil-konfront tagħha. Fit-tieni affidavit[3] tagħha l-appellata kompliet telabora dwar dan u tat eżempju ta' diversi episodji fejn żewġha ma ġabx ruħhu sew fil-konfront tagħha. Pero` ma ressqitx provi li jikkorraboraw il-verżjoni li tat.

13.2. Fl-affidavit tiegħu l-appellant ma qal xejn dwar l-imġieba ħażina li l-appellata qalet li kellu fil-konfront tagħha. Iffoka fuq il-fatt li fit-22 ta' Awwissu 2011 kien qabad lil martu tibgħat u tirċievi messaġġi amorużi bil-mobile lil/mingħand raġel ieħor. Igħid li jumejn wara talbitu jaħfrilha u huwa hekk għamel. F'Settembru 2011 kien intebaħ li martu kellha mobile li ma kienx jaf bih iżda hija qaltlu li kien tax-xogħol u dak l-episodju għadda wkoll. Kompla li imbagħad fl-aħħar ta' Ottubru 2011 qabad lil martu tibgħat messaġġi b'*mobile phone* mhux tas-soltu u għalhekk talabulha. Irrifjutat u ssielet magħha biex ħadulha u sab messaġġ: '*Għada tiġix għax mhux se nkun waħdi'.* Kien wara dak l-episodju li l-appellata telqet mid-dar u ma rritornatx.

14. Il-provi ma jurux li l-appellata telqet mid-dar minħabba l-atteġġament li tgħid li kellu l-appellant, iżda wara li nqala' l-imsemmi

---

[2] Fol. 13 tal-proċess numru 214/2012 AL – *Erica Carabott pro et noe v. Fidele sive Dario Carabott.*
[3] Fol. 349 tal-proċess numru 214/2012 AL – *Erica Carabott pro et noe v. Fidele sive Dario Carabott.*

inċident. Fil-fatt wara li l-appellant qabad lil martu tibgħat messaġġi ta' imħabba lil raġel ieħor f'Settembru tal-2011, bagħtitlu messaġġ fejn talbitu jaħfrilha u ddikjarat li tħobbu. L-appellant ħafer. Kien wara d-diverbju tal-31 ta' Ottubru 2011 li l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet intemmet għal kollox meta l-appellata telqet mid-dar.

15. Ovvjament l-appellant m'għamilx sew li uża l-forza sabiex ħa l-mobile mingħand martu. Ħadd m'għandu l-jedd li juża l-forza fuq ħaddieħor. Pero` ż-żwieġ ma tkissirx minħabba dak l-inċident iżolat. Min-naħa l-oħra r-reazzjoni tal-appellata kienet ta' persuna li kellha x'taħbi, iktar u iktar meta ftit qabel kien irriżulta li għandha wiċċ ħaddieħor u l-appellant kien dispost li jkompli fiż-żwieġ. Kuntrarjament għal dak allegat mill-appellata, il-messaġġi li hemm a fol. 315 sa 322 kif ukoll il-frekwenza tat-telefonati lill-istess numru tat-telefon huma kollha indizji b'saħħithom ħafna li kienet f'relazzjoni ma' raġel ieħor. Provi li l-appellata ma rnexxilhiex tirribatti u lanqas tat xi spjegazzjoni li tista' tiġġustifika dawk it-tip ta' messaġġi. Kull ma qalet kien li, *"Veru li kont bgħatt xi messaġġi imma mhux għal skopijiet li qed igħid Delio"*.[4] Saħansitra, li fin-nota ta' sottomissjonijiet qalet *"Dawn il-messaġġi huma kliem bejn ħbieb u ma hemm ebda indikazzjoni ta' adulterju"*.[5] Evidenti li l-appellata kienet daharha mal-ħajt u ma setgħet bl-ebda mod tagħti spjegazzjoni li tiġġustifika dawk il-messaġġi ta' imħabba li kienu qegħdin jiġu skambjati.

---

4 Fol. 355.
5 Fol. 540.

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-kontestazzjoni tal-appellata dwar dan il-punt tirriżulta għalhekk mingħajr bażi u l-appell inċidentali hu miċħud.

*L-Appell Prinċipali dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*

17. Fl-appell prinċipali tiegħu l-appellant jilmenta illi:

> *"l-proċess li kellu jsir mill-ewwel onorabbli qorti kellu jkun dan li ġej:*
>
> *(i) li l-ewwel jiġu identifikati l-beni parafernali tal-partijiet u dawn jingħataw lill-partijiet mill-komunjoni tal-akkwisti bħala kreditu tagħhom kontra l-komunjoni tal-akkwisti;*
>
> *(ii) wara li jkunu mnaqqsa il-krediti parafernali, tiġi stabbilita l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti billi jingħata konsiderazzjoni għall-fatt li l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li Erica Carabott kienet responsabbli għas-separazzjoni personali u li din kienet ħatja ta' adulterju (ara paragrafu 2.3.3 u l-paragrafu 1 tad-deċide) u li l-Qorti fil-paragrafi 2 tad-decide iffissat il-31 ta' Ottubru, 2011 bħala d-data meta Erica Carabott saret ħatja għat-tifrik taż-żwieġ, u fil-paragrafu 6 tad-decide applikat fil-konfront tagħha l-effetti kollha tal-artikolu 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;*
>
> *(iii) u wara li jsir dan tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-partijiet sehemhom wara li jkun ġie applikat l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili."*

18. L-appellant ilmenta dwar żewġ aspetti partikolari, ossija:

(i) li kien hemm diversi beni parafernali li kellhom jiġu assenjati lilu; u

(ii) li l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet li kellhom jiġu mposti kontra l-appellata b'applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili m'humiex riflessi b'mod ċar fis-sentenza appellata. Talab illi:

> *"... qiegħed jappella mis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi deċiża fit-23 ta' Ġunju, 2020 limitatament mill-parti dispożittiva tad-deċide tal-imsemmija sentenza u ċioé dik numerata bin-numru 5 li taqra 'Tilqa l-ħames, is-sitt u s-seba talbiet attriċi, u tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċioé 'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti', filwaqt li tordna lil intimata sabiex tirristitwixxi dak dovut lil appellant fi żmien xahar mid-data tgħaddi in ġudikat" u l-istess imsemmija ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoé, 'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti', iżda ad eċċessjoni tal-partijiet intitolatli 'Allegat dejn dovut lil Erica Carabott fil-paragrafu 5.3 tas-sentenza, "Allegat dejn dovut lil John Carabott" u "Allegat dejn dovut lil Raymond Pace", u jitlob li dina l-Onorabbli Qorti, qed jitlob li filwaqt li dina l-Onorabbli QOrti tikkonferma il-partijiet l-oħra dispożittivi (decide) tas-sentenza li minnhom mhux qed isir appell, tvarja u timmodifika dik il-parti tas-sentenza appellata billi tordna illi qabel tiġi likwidata u maqsuma l-komunjoni tal-akkwisti għandu jitħallas l-esponenti mill-istess komunjoni l-kreditu tiegħu naxxenti mill-beni parafernali tiegġu kif imsemmi fuq fil-parti ta' dan l-appell imsejħa "Beni Parafernali", tinkludi bħala beni parafernali tal-esponenti dawk il-beni msemmija aktar ' fuq bħala f'tali parti tal-appell, u li tali kreditu għandu jitnaqqas mill-komunjoni tal-akkwisti jew kif jidrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti, u fil-ħames parti tas-sentenza ntitolata "It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti" inkorporata fid-decide numru 5 jiġi rifless il-premess u li jiġi applikat l-artiklu 48 tal-Kodiċi ĊIvili għall-beni kollha formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti (fosthom inter alia kull depositu magħmul fil-qorti) b'effetti mill-31 ta' Ottubru, 2011, jiġi inkluż fis-sehem dovut lill-esponenti nofs il-flus li Erica Carabott kellha f'idejha kif fuq imsemmi, u tassikura li ma jkun hemm double accounting fl-assenjazzjoni tal-porzjonijiet tal-komunjoni tal-akkwisti u taqsamha kif fuq imsemmi u tassenja lill-kontendenti l-porzjoni li tmiss lilu jew lilha.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġi istanzi kontra Erica Carabott."*

<u>L-Ewwel Aggravju</u>

19. Dwar il-ġid li l-appellant jippretendi li kellu jiġi assenjat għaliex beni parafernali, hemm:

(i) Is-somma ta' €13,510 li kellu f'kontijiet bankarji qabel id-data taż-żwieġ;

(ii) €750 rikavat minn bejgħ ta' vettura Maruti 800 bin-numru tar-reġistrazzjoni AAN-178;

(iii) Donazzjoni ta' €15,688 (Lm6,734.82) li saret lilu personalment;

(iv) Donazzjoni ta' €20,964 (Lm9,000) li rċieva mingħand missieru, li ntużat sabiex inxtrat il-vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DEL-026.

20. Kuntrarjament għal dak allegat mill-appellata fit-tweġiba tal-appell, l-ebda wieħed minn dawn il-beni ma jirreferi għall-kontijiet fejn jinsabu depożitati flus f'isem it-tfal.

21. Fis-sentenza appellata saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"5.3. Allegat Dejn bejn il-Partijiet u l-Familjari tagħhom*
>
> *Allegat dejn dovut lil Fidele sive Delio Carabott:*[6]
>
> *a. Is-somma ta' €13,510 (LM5,801), liema somma huwa kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu meta zzewweġ lil Erica Carabott. Il-Qorti tevalwa li l-attur irnexxielu jipprova permezz ta' dokumenti bankarji li mal-mument li huwa zzewweġ, huwa kellu bħala flus parafernali s-somma ta' ċirka LM3,567.*[7] *(€8,310.42).66 Madanakollu, il-Qorti tevalwa li fl-istess waqt huwa jonqos milli jispjega u jipprova jekk tali flus parafernali intuzawx dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-*

[6] Fol. 311 tal-proċess numru 214/12AL.
[7] Fol. 329-331 u 422-425 tal-proċess numru 214/12AL.

*akkwisti ai termini tal-Artikolu 1331 sub-inciz 2 tal-Kodiċi Ċivili.*

*b. Is-somma ta' €750 li hija l-valur tal-karozza Maruti 800 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni AAN-178, li kienet proprjeta' parafernali ta' Fidele sive Dario izda inbiegħet waqt iz-zwieġ. Il-Qorti tinnota li l-intimata tikkonferma l-verzjoni tal-attur, madanakollu tkompli billi tispjega illi r-rikavat tal-karozza ntuza bħala deposit fuq safra.[8] L-attur qatt ma kkontesta l-verzjoni sussegwenti tal-intimata. Għaldaqstant, il-Qorti tispjega illi dato ma non concesso illi r-rikavat tal-vettura intuza proprju kif ġie spjegat mill-intimata, tali flus parafernali xorta waħda ma jistgħux jiġu rkuprati għaliex ma ntuzawx għal dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dan abbazi tal-Artikolu 1331 sub-inċiz 2 tal-istess Kodiċi. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti stess fis-sentenza fl-ismjiet Fiona Caruana vs Albert Caruana.[9]*

*c. Is-somma ta' €15,688 (LM6,734.82) li ġiet mogħtija b'donazzjoni lilu minn ommu Carmela Carabott izda li ġiet investita f'Polza Comprehensive Flexi Plan L bin-numru FP434015. Mill-atti jirrizulta ċar illi omm l-attur tat donazzjoni lil binha u martu. Il-Qorti taqbel mar-raġunar tal-Perit Legali illi ma hemm xejn li juri li d-donazzjoni ta' Carmela Carabott kienet intiza biss għal binha, tant illi dan jiġi kkonfermat mid-dokumenti ezebiti u mix-xhieda tal-attur innifsu.[10] L-intenzjoni kienet waħda ċara, u ċjoe' li l-partijiet juzaw il-flus mogħtija lilhom permezz ta' donazzjoni sabiex jinvestuhom f'isimhom it-tnejn.*

*d. Is-somma ta' €20,964 (LM9,000) li ġiet mogħtija b'donazzjoni lilu minn missieru, b'liema somma tħallset il-vettura Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DEL-026. Mill-atti jirrizulta ċar illi din il-vettura tħallset minn missier l-attur permezz ta' zewġ ċekkijiet, liema van oriġinarjament kien ukoll f'isem missier l-attur.*

*...*

*6. Il-Beni Parafernali*

*Il-Qorti tinnota li l-attur ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħed jistenna li jiġu riturnati lura fil-pussess tiegħu.*

*...*

*... l-attur jindika ukoll li jippretendi illi jiġu rritornati lilu s-somma parafernali ta' €13,510 (LM5,801), li huwa kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu meta zzewweġ lil Erica Carabott u kif ukoll is-somma ta' €750 li hija l-valur tal-karozza Maruti 800 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni AAN-178, li kienet proprjeta' parafernali ta' Fidele sive Dario izda inbiegħet waqt iz-zwieġ. Il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tesprimi l-*

[8] Fol. Ara fol. 357 tal-proċess numru 214/12AL.
[9] Deċiza nhar id-9 ta' Lulju 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja (Rik. Nru. 294/08RGM).
[10] Ara fol 311, 332-335 tal-proċess numru 214/12AL.

> *osservazzjonijiet tagħha rigward dawn iz-zewġ kwistjonijiet. Madanakollu hija tirrileva illi ġialadarba l-attur ma ġabx prova l-prova rikjesta bil-liġi illi tali flus ġew minfuqha minnu għal dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa ma jistgħax jirpura tali flus. Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Fiona Caruana vs Albert Caruana,[11] fejn ġie mgħallem illi:*
>
> > *"Il-Qorti ghalhekk ghandha tezamina il-provi li ghandha quddiemha fid-dawl tal-artikolu 1331 fuq citat li jistipula illi parti fiz-zwieg ghandha dritt ghall-flus lura jekk dawn kienu parafernali u "meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti." Jekk per ezempju jintuzaw biex imorru safra, kif ghamlet l-attrici bil-flus parafernali taghha, jew biex jinxtara l-ikel ghall-familja, allura tali flus parafernali ma humiex rekuperabbli. Ix-xiri tad-dar huwa indubjament investiment ghaliex il-valur ta' dar normalment jizdied maz-zmien (…) Fir-rigward ta' din il-pretensjoni tal-konvenut ghar-rifuzzjoni tal-ammonti kollha li huwa wiret minghand missieru il-Qorti tirrileva illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dokumentarja li turi movimenti ta' kapital fil-kontijiet bankarji tieghu biex juri il-perkors tal-flus minn sorsi parafernali ghall-proprjeta' tal-komunjoni".'*

*Flus Parafernali.*

22. Fl-appell tiegħu l-appellant jikkontendi li huwa ġab prova li kellu s-somma ta' €13,510 f'kontijiet bankarji qabel id-data taż-żwieġ u jinsisti li ma kellu jġib l-ebda prova oħra sabiex din is-somma tiġi akkreditata lilu.

23. Skont is-sentenza appellata, l-appellant ipprova biss li kellu s-somma ta' €8,310.42 bħala flus parafernali qabel iżżewweġ. Effettivament, skont ix-xhieda in kontro-eżami tal-appellant a fol. 418 u d-dokumenti minnu preżentati a fol. 422 u 425 tal-proċess numru 214/2012

[11] Deċiża nhar id-9 ta' Lulju 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja (Rik. Nru. 294/08RGM).

AL, jirriżulta li l-appellant kellu s-somma ta' Lm3,562.09[12] ekwivalenti għal €8,297.44.

24. F'kull każ, l-appellant m'għandux raġun jargumenta li ma kellu jġib l-ebda prova oħra sabiex dik is-somma tiġi akkreditata lilu. L-Artikolu 1331(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> *"Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti."*

25. Kif tajjeb deċiż mill-ewwel Qorti, huwa ċar minn dan illi ma kienx biżżejjed li l-appellant iressaq prova tal-flejjes parafernali tiegħu sabiex tiġi akkreditata lilu tali somma, iżda ried juri wkoll li l-istess flejjes intużaw dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Prova li pero` ma saritx.

*Rikavat minn bejgħ tal-vettura Maruti 800.*

26. L-appellant jisħaq li s-somma ta' €750 rikavat minn bejgħ ta' vettura Maruti 800 bin-numru AAN-178 kellha tingħata lilu bħala beni parafernali. Skont is-sentenza appellata huwa m'għandux dritt għal tali kreditu għaliex is-somma in kwistjoni ntefqet bħala depożitu fuq safra fiż-żwieġ. Dan fil-fatt jirriżulta mix-xhieda tal-appellata a fol. 357. L-ispejjeż tas-safra huwa dejn li sar matul iż-żwieġ miż-żewġ partijiet u għaldaqstant hu tal-

[12] Lm125 + Lm212.72 + Lm3224.37.

komunjuni tal-akkwisti. Għaldaqstant, l-appellant għandu jedd jieħu lura dik is-somma mill-ġid li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti. Is-sehem dovut mill-appellata hu tliet mija u ħamsa u sebgħin ewro (€375).

27. Konsegwentement, l-ilment tal-appellant fir-rigward tal-flejjes parafernali hu mingħajr bażi, filwaqt li tilqa' l-ilment dwar ir-rikavat mill-bejgħ tal-vettura Maruti 800 li kienet proprjeta` parafernali tiegħu.

*Donazzjoni ta' €15,688.*

28. Fir-rigward tad-donazzjoni ta' €15,688 (Lm6,734.82) l-appellant jisħaq li saret lilu personalment u s-somma, flimkien ma' flus oħra, intużat biex inxtrat polza *Comprehensive Flexi Plan L (Nru FP434015).* Jirriżulta li waqt il-kawżi ta' separazzjoni l-polza kienet mifdija u kull parti ħadet nofs ir-rikavat, mingħajr preġudizzju għall-kawżi bejn il-kontendenti.

29. Il-Qorti rat Dok X18, Dok X20, Dok X21, Dok X25 u Dok X26 a fol. 332, 334, 335, 339 u 340 tal-proċess 214/2012 AL. Huwa minnu li l-*life policy* maħruġa fit-18 ta' Novembru 2011 f'isem iż-żewġ partijiet, tħallset parzjalment[13] permezz ta' *cheque* ta' €15,687.91 maħruġ f'isem Carmela Carabott, omm l-appellant, rappreżentanti s-somma li rċeviet meta fdiet *life policy* li kellha f'isimha. Fl-affidavit Carmela Carabott tgħid[14] illi kienet

[13] B'kollox tħallset is-somma ta' €26,815.74.
[14] Fol. 49 tal-proċess odjern.

tat dik is-somma lil binha b'donazzjoni. Min-naħa l-oħra l-appellata xehdet illi qatt ma rċeviet flus u kienet tinvesti flimkien ma' żewġha għaliex it-tnejn kellhom impieg tajjeb.[15] Kliem li jikkonferma l-verżjoni tal-appellant li d-donazzjoni mingħand ommu saret lilu personalment u mhux lill-appellata wkoll.

30. Verament illi l-polza ġiet *surrendered* f'Jannar 2013 u l-partijiet kienu qablu li jieħdu nofs kull wieħed. Iżda tali ftehim sar mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li kull parti għandha kontra l-oħra.[16]

31. B'hekk meta tħallas ir-rikavat ta' dik il-polza fl-ammont ta' €84,173.32 suppost l-ewwel €15,687.91 mir-rikavat tħallsu lill-appellant. Madankollu r-rikavat inqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet. Għalhekk l-appellata għandha tħallas lill-appellant is-somma ta' €7,843.97.

32. Is-somma ta' €15,687.91 għandha għalhekk tiġi akkreditata lill-appellant.

*Donazzjoni ta' €20,964*

33. L-appellant qal li għandha tiġi akkreditata lilu d-donazzjoni ta' €20,964 (Lm9,000) li huwa rċieva mingħand missieru u li ntużat sabiex

[15] Fol. 357.
[16] Fol. 339.

inxtara l-vann Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni DEL-026. Igħid li għalkemm l-ewwel Qorti għamlet sew li assenjat din il-vettura lilu, kellu jiġi rikonoxxut il-kreditu parafernali tiegħu. Għalhekk l-attur jippretendi li għandu kreditu parafernali ta' €20,964.

34. Mid-dokumenti X22 u X23 a fol. 336 u 337[17] jirriżulta li l-vettura nxtrat f'Novembru tal-2011 minn missier l-appellant. Il-partijiet jaqblu li xi żmien wara, din il-vettura ġiet imbagħad trasferita f'isem l-appellant. M'hemmx prova sodisfaċenti li l-appellant ingħata minn missieru dik is-somma. Il-vettura nxtrat mill-missier u jidher li f'xi żmien wara r-reġistrazzjoni inqalbet f'isem l-appellant. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellata qalet li l-vettura kienet inxtrat waqt iż-żwieġ minn missier l-appellant, *".... pero` ingħatatlu donazzjoni u l-esponenti mhix qiegħda tikkontesta dan il-fatt"*. Il-provi hekk juru. Kien għalhekk żball tal-ewwel Qorti li nkludiet il-vettura bħala parti mill-ġid fil-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu, ma sar l-ebda argument li b'dak il-mod l-appellant ġie ppreġudikat. Fil-fatt filwaqt li fir-rigward ta' vettura oħra Toyota l-Qorti assenjata lill-appellata u ordnat li għandha tħallas lill-appellant somma flus bħala nofs il-valur tagħha, ma saret l-ebda ordni simili fir-rigward tat-Toyota DEL 026. Dak li kellu dritt għalih l-appellant m'huwiex kreditu parafernali iżda l-vettura, li bis-sentenza appellata xorta ngħatat lilu.

[17] Tal-proċess numru 214/2012 AL.

35. Il-Qorti hija konsegwentement tal-fehma illi, irrispettivament mir-raġuni għalfejn sar dan l-arranġament,[18] ma jirriżultax li saret donazzjoni ta' flus kif jippretendi l-appellant u li b'dawk il-flus waqt iż-żwieġ xtara l-vann Toyota DEL 026. Għalhekk, għajr il-vettura in kwistjoni li hi proprjeta` parafernali tal-appellant, m'hemmx kreditu parafernali a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti.

36. Konsegwentement, tal-appellant hu miċħud.

37. L-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jintlaqa' limitatament fir-rigward tas-somma ta' €15,688 (Lm6,734.82) li huwa kien irċieva b'donazzjoni mingħand ommu u miċħud fir-rigward tal-pretensjonijiet l-oħra.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

38. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi minkejja li martu nstabet ħatja ta' adulterju, u fil-paragrafi a.b.c.d. tal-parti 5.4. tas-sentenza appellata ntitolata '*Porzjon Assenjata lil Fidele sive Delio Carabott'* u dik intolata '*Porzjon Assenjat lil Erica Carabott'* ġew applikati l-effetti tal-Artikolu 48 kontriha, tali effetti ma ġewx applikati b'mod estiż. Jikkontendi li jeħtieġ li jiġi dikjarat illi dak li sar fiż-żwieġ l-aktar bil-ħidma

[18] Skont l-appellant dan sar sabiex jibbenefika minn rifużjoni fiskali fuq il-VAT number ta' missieru.

tiegħu wara d-data tal-31 ta' Ottubru 2011 m'għandux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi dawk il-beni għandhom jiġu assenjati esklussivament lilu. Igħid li għalkemm jidher li tali sanzjoni ġiet applikata għal dawk li huma kontijiet bankarji, ma sarx l-istess fir-rigward tal-ammonti depożitati l-Qorti, liema somma kienet ġejja mid-dħul tiegħu. Inoltre jilmenta li ma ġiex assenjat nofs is-somma ta' flus li kellha f'idejha martu (paragrafu j. f'paġna 29 tas-sentenza appellata). Jilmenta wkoll li fejn is-sentenza appellata rrikonoxxiet kreditu ta' parti kontra l-oħra, tista' tiftiehem li hemm *double accounting.*

39. Fis-sentenza appellata ġiet stabbilita d-data tal-31 ta' Ottubru 2011 bħala d-data meta l-appellata saret ħatja għall-firda. Inoltre, l-ewwel Qorti applikat kontra l-appellata l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

40. L-appellant isostni li dawk il-beni li saru bil-ħidma tiegħu mill-31 ta' Ottubru 2011, u hawn jirreferi għas-salarju li beda jirċievi minn dakinhar, għandhom ikunu assenjati biss lilu. Isostni li dawk il-flus kienu qegħdin jiġu depożitati l-qorti jew f'kontijiet bankarji.

41. Minkejja dan, is-sentenza appellata tipprovdi li s-somma depożitata fil-Qorti wara l-mandat ta' sekwestru 274/2011 għandha

tinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Jidher li dik il-konklużjoni kienet riżultat tal-fatt li ma tressqet l-ebda prova dwar l-ammonti depożitati.[19]

42. Fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza l-Qorti ser tordna li s-sentenza tal-ewwel Qorti tiġi varjata fis-sens li l-appellata m'għandhiex jedd għal dik il-parti mis-salarju tal-appellant li tħallset mill-prinċipal tiegħu b'seħħ mill-31 ta' Ottubru 2011 'il quddiem u li setgħet ġiet sekwestrata bl-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

43. L-appellant għandu wkoll raġun jilmenta illi filwaqt li l-appellata ġiet assenjata sehemha mis-somma ta' €19,636 li ġibed l-appellant mill-kontijiet konġunti fl-1 ta' Novembru 2011,[20] l-appellant ma ġiex assenjat nofs is-somma ta' €1,000 li ġibdet l-appellata l-għada li telqet mid-dar.[21] Fis-sentenza l-ewwel Qorti stess qalet, fil-parti intestata *'Elenku ta' dak kollu li jifforma u li ma jifformax fil-komunjoni tal-akkwisti'*, li *"j. Il-flus kollha li kienu f'idejn il-partijiet fil-perjodu bejn l-aħħar ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru, liema somma fil-fehma tal-Qorti hija dik ta' €19360 għand Fidele sive Delio Carabott u €1000 għand Erica Carabott"*. Pero` il-€1000 ma tteħdux in konsiderazzjoni meta l-qorti qasmet id-dejn u l-ġid, filwaqt li nofs is-somma ta' €19,636 li ġibed l-appellant kienet inkluża (ara

[19] Hekk kif kostatat ukoll mill-perit legali a fol. 120 tal-proċess 214/2012AL.
[20] Ara punt 'h' a fol. 37 tas-sentenza appellata.
[21] Fol. 352.

paragrafu 'r' tal-parti tas-sentenza bit-titlu, *'Porzjon assenjat lil Fidele Carabott'*).

44. L-appellant ilmenta wkoll li, *"Inoltre jiġi rilevat illi fejn l-ewwel onorabbli qorti irrikonoxxiet xi kreditu ta' parti kontra l-oħra, is-sentenza kif miktuba tista' tiftehem li hemm double accounting meta hu żgur li l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex dan f'moħha"*. L-appellant naqas milli jressaq argumenti li jikkonvinċu lil din il-Qorti. Il-Qorti qrat is-sentenza u tikkonkludi li tiftiehem b'mod ċar kif inqasam il-ġid u d-dejn u ma ssibx li hemm il-periklu li aċċenna għalih l-appellant.

45. Finalment issir referenza għal dik il-parti tar-risposta tal-appellata li permezz tagħha tilmenta mill-fatt li: (i) il-valur tal-garaxx huwa llum ferm ogħla minn dak stabbilit snin ilu; u (ii) li l-vettura assenjata lilha ma tiswiex kemm ġie allegat u ma tirriflettix is-sitwazzjoni reali u ġusta llum (ara l-aħħar faċċata tat-tweġiba tal-appellata).

46. F'din il-kawża l-appellata m'għamlitx talba sabiex din il-Qorti tvarja s-sentenza f'dak ir-rigward. Madanakollu, saret talba f'dak is-sens fir-risposta għall-appell 214/2012/1. Sabiex ikun hemm uniformita` bejn iż-żewġ sentenzi li wara kollox jitrattaw l-istess kwistjoni, dak l-ilment sejjer jiġi kkunsidrat ukoll f'din is-sentenza.

47. Il-partijiet qablu li l-vettura Toyota Ractis inxtrat fis-sena 2009 għal prezz ta' €12,345.[22] Permezz tas-sentenza appellata dik il-vettura ġiet assenjata lill-appellata b'dan illi hija għandha tħallas lill-appellant is-somma ta' €5,570.68 rappreżentanti sehmu. Jidher li din is-somma hija bbażata fuq is-segwenti kalkolu li għamlet il-perit legali:[23]

> *"liema ammont jirrappreżenta s-somma ta' €12,345 – 5% depreciation value għal sentejn u ċioé sas-sena 2011 li hija s-sena li minnha Erica Carabott jirriżulta li rrendiet ruħha ħatja tas-separazzjoni = €11,141.36 diviż bejn tnejn u ċioé €5,570.68."*

48. Ladarba din il-Qorti kkonfermat is-sentenza appellata safejn tirrigwarda l-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet, ma tirriżulta l-ebda raġuni valida għalfejn din il-Qorti għandha tvarja l-valur li l-appellata għandha tħallas lill-appellant rappreżentanti sehmu mill-imsemmija vettura biex tirrifletti l-valur attwali.

49. Fir-rigward tal-garaxx li nxtara fis-17 ta' Mejju tas-sena 2004 permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar John Farrugia, il-Qorti tal-ewwel grad qieset li skont stima tal-Perit Edric Micallef li saret f'Settembru 2012, dan il-garaxx kellu valur ta' madwar €35,000.[24] Madanakollu, l-istess garaxx ġie assenjat lill-partijiet f'sehem ta' nofs indiviż kull wieħed b'dan illi:

> *"tali garaxx għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ <u>bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' average ta' valutazzjoni ta' 3 estate agents li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom</u> b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet;"*

[22] Fol. 312 u 359 tal-kawża 214/2012 AL.
[23] Fol. 162.
[24] Fol. 38.

50. Għalhekk l-ilment tal-appellata hu fieragħ.

Għal dawn il-motivi u sa fejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq:-

1. Tiċħad l-appell inċidentali tal-appellata u tikkonferma li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser għal raġunijiet imputabbli esklussivament lill-appellata;

2. Tilqa' limitatament l-appell tal-appellant u tvarja biss dawk il-partijiet tas-sentenza appellata li jirreferu għas-somma ta' €15,688 li l-appellant irċieva b'donazzjoni mingħand ommu, kif ukoll dwar l-ammonti depożitati l-qorti wara l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 274/2011 u dwar is-somma ta' €1000 li ġibdet l-appellata meta telqet mid-dar. F'dan ir-rigward tiddikjara li:

i. l-appellata għandha tħallas lill-appellant nofs is-somma ta' ħmistax-il elf sitt mija u tmienja u tmenin euro (€15,688) li kien l-ammont li omm l-appellant tatu. Somma li ntużat sabiex inxtrat il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja li l-partijiet fdew fil-mori tal-kawża;

ii. jekk bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 274/2011 ġew sekwestrati u depożitati fil-qorti salarji li

l-appellant seta' irċieva mingħand il-prinċipal fejn jaħdem, b'effett mill-31 ta' Ottubru 2011 'il quddiem l-appellata m'għandhiex jedd għal nofs minn dak il-qligħ;

iii. l-appellata għandha tħallas lill-appellant l-ammonti ta' ħames mitt ewro (€500)[25] u tliet mija u ħamsa u sebgħin ewro (€375)[26] kif spjegat hawn fuq.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu tlieta minn ħamsa ($^3/_5$) a karigu tal-appellata u tnejn minn ħamsa ($^2/_5$) a karigu tal-appellant filwaqt li l-ispejjeż relatati mal-appell inċidentali tal-appellata għandhom ikunu a karigu esklussiv tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[25] Nofs l-ammont mis-somma ta' €1000 li ġibdet l-appellata.
[26] Nofs is-somma ta' €750 valur tal-vettura Maruti li kienet proprjeta` parafernali tal-appellant.